# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-26 t'April, 2016.**

**Rikors Numru 77/2016 SM**

**L-Avukat Dr. Mario de Marco detentur**
**tal-karta ta' l-identita` numru 500265(M),**
**bhala mandatarju specjali u ghan-nom**
**u in rapprezentanza ta' l-Avukat Dr. Marino**
**Torre, fil-kwalita` tieghu ta' kuratur fallimentari**
**tas-socjeta` estera Giapa s.r.l.**

**vs.**

**Lidia Randazzo xebba Galea,**
**Tommaso Randazzo u Valentina**
**Randazzo (213603L)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat it-28 ta' Jannar, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti *nomine* sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi din hi procedura intiza biex tigi awtorizzata l-esekuzzjoni ta' sentenza estera moghtija mit-*Tribunale di Palermo* rigwardanti l-falliment tas-socjeta` *Giapa s.r.l.*, datata t-28 ta' Gunju, 2012, (ara foll 8 *et sequitur*);

1.2. Illi tali talba qed tigi sottomessa a bazi t'awtorizzazzjoni appozita moghtija mill-istess tribunal Taljan indikat fil-paragrafu precedenti datata t-18 ta' Gunju, 2014, (ara foll 4);

1.3. Illi s-socjeta` *Giapa s.r.l.* tpoggiet fi stat ta' likwidazzjoni tramite sentenza datata d-29 ta' Marzu, 2004, (ara foll 8);

1.4. Illi l-intimati kienu hekk ikkundannati *in solidum* biex ihallsu lill-kuratur fallimentari hemm indikat is-somma hemm indikata inkluz l-interessi legali mid-data tas-sentenza indikata sad-data tal-effettiv pagament, (ara foll 2 u 9 *et sequitur*);

1.5. Illi l-procedura odjerna hi intavolata a bazi tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew Numru 1346/2000 datat id-29 ta' Mejju, 2000, u tar-Regolament tal-Kunsill Ewropew Numru 44/2001 datat it-22 ta' Dicembru, 2000, kif ampliat bir-regolament tal-Kunsill Ewropew Numru 1215/2012 datat it-12 ta' Dicembru, 2012;

1.6. Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti *nomine* adixxa din il-qorti biex din il-qorti:

1.6.1. Tirrikonoxxi d-decizjoni tat-*Tribunale di Palermo* datata t-28 ta' Gunju, 2012, fuq riferita, fejn l-intimati kienu kkundannati *in solidum* biex ihallsu lill-kuratur fallimentaru s-somma ta' hames mija u erbatax il-elf, tlett mija u erbgha u ghoxrin Ewro u tnejn u tmenin centezmu, (€514,324.82), oltre l-ammont ta'

sittax il-elf, seba` mija u sebgha u disghin Ewro u erbgha u erbghin centezmu, (€16,797.44), oltre wkoll l-interessi legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

1.6.2. Tiddikjara li d-decizjoni *de quo* hi esegwibbli mill-Avukat Dr. Marino Torre *qua* kuratur fallimentari tas-socjeta` *Giapa s.r.l.* kontra l-intimati;

1.6.3. Tordna n-notifika tad-decizjoni dwar ir-rikors promotur in dizamina lill-intimati fl-indirizzi hemm indikati, (ara foll 2);

2.0. Rat ir-risposta tal-intimati datata s-26 ta' Frar, 2016, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti:

2.1. Illi s-sentenza tat-Tribunal ta' Palermo datata it-28 ta' Gunju, 2012, mhux enforzabbli kontra l-intimata Lidia Randazzo *stante* li jikkoncernaw biss lil Lidia Galea;

2.2. Illi s-sentenza in dizamina hi ineffikaci fil-konfront tal-intimat Tommaso Randazzo *stante* li qatt ma ta` prokura lil hadd fi Sqalija biex jirrapprezentah fl-istess proceduri, u ghalhekk qatt ma kien notifikat b'atti gudizzjarji korrettement;

2.3. Illi meta graw il-fatti l-istess Tommaso Randazzo jsostni li kien minorenni;

2.4. Illi ghalhekk l-istess proceduri esteri jilledu l-ordni pubbliku;

2.5. Illi *di piu`*, ir-rikorrenti *nomine* ghandu jesebixxi l-prokura fejn gie nominat bhala mandatarju specjali tal-Avukat Dr. Mario, *recte* Marino, (ara foll 1)), Torre;

2.6. Salv risposti ulterjuri;

3. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ikkunsidrat:

4. Illi l-procedura odjerna tirrigwarda talba ghall-esekuzzjoni f'Malta ta' sentenza ta' pajjiz membru tal-Unjoni Ewropea;

5. Illi l-esekuzzjoni tal-istess sentenza datata d-29 ta' Marzu, 2004, giet debitament awtorizzata mit-tribunal in dizamina permezz ta' awtorizzazzjoni appozita datata t-18 ta' Gunju, 2014 (ara foll 4);

Ikkunsidrat:

6. Illi tali proceduri jirrizultaw li huma *ai termini* tar-Regolamenti tal-Kunsill tal-Ewropa in dizamina fuq indikati, (ara paragrafu numru wiehed punt hamsa, (1.5.), aktar qabel);

**DECIDE:**

7.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti *nomine* pprova l-kaz tieghu skont il-ligi, u konsegwentement, filwaqt illi:

7.1. Takkolji t-talbiet kollha tar-rikorrenti *nomine*;

7.2. Tirrespingi r-risposti tal-intimati;

7.3. Bl-ispejjez kontra l-intimati.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**